**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 28 ta' Jannar, 2020**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Oriana Spiteri)**

**Vs**

**JON LAWRENCE FORMOSA**

Kump Nru 23/2020

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Jon Lawrence Formosa,** detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru **546993M,**

U nakkużawħ talli nhar it-tmintax ta' Jannar 2020, għall- ħabta tas- sagħtejn nieqes għaxra ta' wara-nofs-inhar u/jew f' ħinijiet oħra, qabel jew wara, minn fond numru 4, Triq il- Mitħna, ġewwa Bormla u/jew f' dawn il- gżejjer:

1) Ikkommetta serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċjedi l-il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċentezmu (€232,94) iżda mhux l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu

(€2329.37), bil-lok, u li sar għad-dannu ta’ Anthony West u/jew ta’ xi persuna/i oħra;

2) Nakkużawħ ukoll talli b’hekk, kiser waħda jew iktar mill- kundizzjonijiet imposti fuqu b’ digriet għall- ħelsien mill- arrest, akkordati lilu mill- Qorti tal- Maġistrati (Malta) kif preseduta mill- Maġistrat Dottor Claire Strafrace Żammit L.L.D nhar is- 21 ta’ Mejju 2020.
3) Nakkużawħ ukoll talli b’ hekk, irrenda ruħu reċidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ diversi sentenzi definittivi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta’ Malta.

Għaldaqstant, filwaqt li qed nesebixxu estratt mill-NPS u l-fedina penali ta Jon Lawrence Formosa, li nipromettu li nesibixxu estratt mill- att dwar it- twelid tal-imsemmi Jon Lawrence Formosa, nitolbu li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali ta’ 19 ta’ Jannar, 2020;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena din il-Qorti sejra timponi l-piena kkontemplata ghar-reati *de quo*. U dana peress li l-Qorti temmen li, f'kaz li l-Qorti tmur oltre mill-piena determinata ghar-reati *de quo* u tordna li s-somma ta' €10,000 ghandha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta (bil-potenzjalita` li n-nuqqas ta` hlas jissarraf fi prigunerija), dan ix-xenarju potenzjalment jaghti lok ghal ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-imputat, din il-Qorti taghmilha cara li mhux sejra taghmel din l-ordni kif mitluba.

**Konkluzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 261(b)(c)(e), 263, 267, 269, 278(1)(2)(3), 279(a), 280 u 579(2)(3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat bhala recidiv hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tmintax (18)-il xhar prigunerija.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur